MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1146/1994/1

**Julian Cachia u Joseph Cachia, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Antonio Cachia & Co Limited**

**Vs**

**John Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-11 ta’ Awissu 1994 li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ elf, hames mija erbgha u tletin lira Maltija, hamsa u sebghin centezmu (Lm1534.75) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija ta’ frott lilu mibjugha u

kkonsenjata u minnu accettata, u dan skond kopja ta' *statement of account* li ggib id-data tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 1993, annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata Dok. 'A';

Premess illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont anke ufficcjalment, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf hames mija erbgha u tletin lira Maltija, hamsa u sebghin centezmu (Lm1534.75) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ta' frott lilu mibjugha u kkonsenjata u minnu accettat, u dan skond il-kopja ta' l-i*statement of account* annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. 'A';

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluz ta' l-ittra interpellatorja li ggib id-data tas-26 ta' Marzu 1993, ta' l-ittra ufficcjali li ggib id-data tat-12 ta' April 1994 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-i*statement of account* hawn fuq imsemmija;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fis-7 ta' Ottubru 1994 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi hu ilu li hallas ghall-merkanzija indikata fl-att tac-citazzjoni sa minn Jannar 1993 u ghalhekk m' ghandu jaghti xejn lill-attur *nomine*;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Marzu 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert komputista s-Sur John Bonnici biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet tat-2 ta’ April 1996 li bih gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala espert legali u dan wara talba appozita ghal hatra ta’ espert legali maghmula mill-konvenut permezz ta’ rikors ipprezentat fil-21 ta’ Novembru 1996;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-esperti nominati li tinsab a fol. 153 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fis-seduta fl-10 ta’ Novembru 2004;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-fatti principali li jirrizultaw mill-atti processwali f’ dan il-kaz huma dawn:-

(1) Bejn il-kontendenti kien jezisti rapport negozjali ghal bosta snin fejn il-konvenut kien jixtri minghand is-socjeta` attrici prodotti diversi biex hu mbaghad, bhala grossista, jispaccahom fis-suq lil tal-hwienet;

(2) Jidher li fl-1992 u l-bidu tas-sena 1993 nqala kuntrast bejniethom fis-sens li s-socjeta` attrici bdiet

tirreklama minghand il-konvenut il-hlas tas-somma stabbilita fic-citazzjoni, kif sopportata mill-fatturi esebiti minn fol. 21 sa fol. 27, mentri l-konvenut kien qed jippretendi li m' ghadx baqalu jhallas in kwantu, skond kif dikjarat minnu, huwa ssalda l-pendenzi kollha li kellu mas-socjeta` attrici bl-effettwazzjoni tac-*cheque* tad-29 ta' Jannar 1993 fl-ammont ta' Lm3961.04;

(3) Ir-raguni avvanzata mill-konvenut fid-difiza tieghu, kif ahjar illustrata minnu fl-Affidavit tieghu a fol. 114, tikkonsisti fil-fatt illi partita ta' cikkulata u helu li hu kien xtara zmien qabel minghand is-socjeta` attrici, u li kien hallas ghaliha, irrizultat skaduta u "*unfit for human consumption*". Biex isostni dan il-konvenut esebixxa certifikat rilaxxat mid-Dipartiment tas-Sahha (fol. 119);

(4) Jirrizulta illi minn din il-partita s-socjeta` attrici kienet fiz-zmien tal-konsenja accettat li tnaqqas ammont biex tkopri hsarat li kien hemm fiha, pero` ikkontestat il-pretiza tal-konvenut ghal tnaqqis ulterjuri ossia li taghtih rifuzjoni korrispondenti ghall merce li ma nbieghetx u li ma kienetx tajba ghall-konsum ghax allegatament skaduta. Is-socjeta` attrici kkampat din il-posizzjoni taghha fuq il-bazi ta' l-ittri spjegattivi mibghuta mid-ditta estera manifattrici fl-Olanda, esebiti a fol. 133 u 135;

(5) Il-konvenut jispjega, dejjem fl-Affidavit tieghu, illi meta baghat ic-*cheque* ta' Lm3961.04 fuq riferit, b' dan il-mod kien qed ipaci d-differenza bejn il-kont li sa dakinhar kien ghadu pendenti u l-ammont minnu mhallas ghal partita tac-cikkulata u helu li rrizultat inadatta. Ghalih dak il-hlas kien "*in full and final settlement*" (fol. 117);

(6) Inghad ukoll dejjem mill-istess konvenut illi Joseph Cachia kien ipproponielu li jhallas biss Lm900 jew Lm700 (Affidavit fol. 118). Izda meta dikjarazzjoni konsimili giet konfrontata lilu fis-sens li dik il-proposta kienet gejja minnu, huwa cahad dan. Ara kontro-ezami tal-konvenut a fol. 132;

(7) Jigi osservat illi fir-rigward tal-partita ta' laring u patata, li taghha qed jintalab il-hlas f' din l-istanza, il-konvenut ma jressaq ebda ilment;

Premessi dawn il-fatti kif jemergu mill-inkartament, hu konvenjenti li tigi qabel xejn ikkonsiderata l-ewwel ipotesi prospettata mill-konvenut u li tigi investita l-kwestjoni jekk tirrikorrix fil-fattispeci t-tpacija li l-istess konvenut assuma li kellu dritt jaghmel.

Il-konvenut ippretenda li jillibera ruhu mill-hlas tal-kreditu reklamat mis-socjeta` attrici bil-pretiz kontro-kreditu tieghu ghall-hsarat riskontrati fil-partita tac-cikkulata u helu, minnu mixtrija minghand l-istess socjeta` attrici;

Issa l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, in materja ta' kumpensazzjoni, jipprovdi fl-ewwel subinciz tieghu illi "meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom it-tpacija." Din in-norma tippostula qabel xejn illi l-partijiet ikunu kredituri u debituri reciprokament lejn xulxin. Tippresupponi wkoll l-awtonimija tar-rapporti li ghalihom jirreferu l-krediti kontrapposti tal-partijiet. Li jfisser li t-tpacija ma toperax ruhha jekk il-krediti johorgu mill-istess rapport negozjali. F' kaz bhal dan jista' se mai ikun hemm tpacija f' sens improprju, ossija is-semplici accertament kontabbli ta' dak li wiehed ghandu jaghti jew jircievi;

Jinsab stabbilit, imbaghad, fl-Artikolu 1197, illi t-tpacija ma ssehhx *ipso jure* kif jinghad fl-Artikolu 1196 (2) jekk iz-zewgt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi. Hekk lanqas ma ssehh jekk wiehed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-ohra jew ikun kontestat. Naturalment, il-kontestazzjoni ghall-pretiz kreditu, biex teskludi t-tpacija ma tridx tidher *prima facie* pretestwuza. Ara a propozitu decizjonijiet a **Vol. XXXIX P II p 54; Vol. XXXIII P I p 614** u "**Avv. John Mamo *nomine* -vs- Edward Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Gunju 1999;

Fil-kaz prezenti din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kompensazzjoni li unilateralment iddecieda li jaghmel il-konvenut ma kienetx hekk konsentita lilu.  Fl-ewwel lok is-socjeta` attrici qatt ma rrikonoxxiet li kienet debitrici tieghu, tant li mhux biss ma ammettietx li kienet tali, talli ikkontrastat il-pretensjoni tal-konvenut.  Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet "**Onor. Carm Lino Spiteri -vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1988;

Fit-tieni lok lanqas jista' jinghad illi l-likwidita` tal-kreditu pretiz mill-konvenut "hu cert, ukoll f' dik li hi kwantita`" [Artikolu 1197 (2), Kodici Civili; **Vol. XXXI P I p 8**].  Kif sewwa rrilevaw il-periti gudizzjarji l-konvenut ma gab ebda prova preciza ta' kemm kien qed jippretendi lura mill-hlas li kien ghamel ghall-konsenja tac-cikkulata u helu;

Minn dan kollu jitnissel illi jekk jonqos, kif hekk inhu mankanti f' dan il-kaz, il-kuncett tar-reciprocita` u dak tac-certezza, il-kompensazzjoni ma setghatx tavvera ruhha;

Una volta din il-Qorti qed tasal hi wkoll bhal periti gudizzjarji qabilha, ghal din il-konkluzjoni strettament m' ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-aspett l-iehor ezaminat u dibattut mill-istess perit gudizzjarju tal-pagament ghas-saldu.  Ciononostante, ser tghaddi biex taghmel certi osservazzjonijiet dwar dan il-punt;

Indiskutibilment jista' jkun anke veru li l-konvenut haseb li l-hlas li ghamel bic-*cheque* tad-29 ta' Jannar 1993 kien, kif mistqarr minnu, "*in full and final settlement*".  Eppure, manifestament, il-fatti kif irrizultaw, minghajr ombra ta' dubju, juru bic-car illi s-socjeta` attrici l-hlas hekk maghmul ma accettatux li kien hekk u bil-mod pretiz mill-konvenut, tant li ghaddiet il-quddiem biex tinsisti ghall-hlas tal-kreditu taghha ghall-konsenji meritu ta' din il-kawza.  Effettivament bejn il-kontendenti segwa perijodu ta' diskussjonijiet u skambju ta' korrispondenza ko-involgenti anke ir-rapprezentanti legali taz-zewg partijiet.  Dan johrog mix-xhieda u mid-dokumenti, senjatament dawk

indikati bhala RB1 (fol. 36) u JB2 (fol. 120). Dak li hu kjarament ovvju hu f' dan il-kaz kien jonqos l-*idem placitum*;

Biex jinghad kollox, imbaghad, ankorke il-hlas b' dak il-mod gie hekk accettat, li f' dan il-kaz jigi ripetut li ma kienx hekk, jinsab deciz illi "*qualunque approvazione di conti s' intende sempre fatta senza pregudizio di errori od omissione. Verificati tali errori, l' interessato può sempre, nonostante la quittanza, insistere per la correzione e per essere indennizato delle partite errate od* omesse" – "**Negte Jacob Souaja *proprio et nomine* -vs- Abraham Salila Hanania**", Appell Kummercjali, 3 ta' Mejju 1907 (**Kollez. Vol. XX P I p 262**);

Kif korrettement ikkonkludew il-periti gudizzjarji fir-relazzjoni taghhom, li qed tigi adottata, fuq bilanc ta' probabilita`, ic-certezza morali taghhom waslithom biex ihossuhom sodisfatti illi l-konvenut ma riedx ihallas l-ammont reklamat minhabba d-dizgwid li nqala bejn il-partijiet, u li dippju l-hlas li kien ghamel l-istess konvenut ma giex accettat a saldu mis-socjeta` attrici. In bazi ghad-dritt razzjonali probatorju dan ifisser illi l-fatt allegat mill-konvenut ma giex sufficjentement provat. Jitnissel b' konsegwenza illi l-konvenut ma jistax jippretendi li ghandu jirrezisti ghall-pagament domandat minghandu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-atturi *nomine* u b' hekk tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' elf hames mija erbgha u tletin lira Maltija u hamsa u sebgin centezmu (Lm1534.75,0) rapprezentanti l-prezz fuq konsenji ta' frott u patata lilu mibjugha u kkonsenjata, bl-imghaxijiet legali mil-25 ta' Marzu 1993 data ta' l-i*statement of account* esebit a fol. 20;

L-ispejjez kollha tal-kawza jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------